MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 47/2011

**CareMalta Limited (C28382)**

**vs**

**Dr. Noel Bartolo nominat b'digriet tat-12 ta' Awwissu 2010 kuratur deputat biex jirraprezenta l-eredita' giacenti ta' Kathleen E. Williams**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Ottubru 2010, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf erba' mija u disgha u erbghin Euro u disgha u tmenin centezmi (€1449.89) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi mhuwiex edott mill-fatti u talab li jaghmel eccezzjonijiet ulterjuri

wara li jaghmel kuntatt mal-familjari tal-mejta Kathleen Williams.
Ra illi mill-atti jirrizulta illi l-konvenut ipprova jaghmel kuntatt mal-familjari pero minghajr success.
Ra il-verbal tas-seduta ta’ nhar it-28 ta’ Marzu 2011 fejn il-konvenut ma deherx u lanqas rapprezentanti tal-familjari ta’ Kathleen Williams u ghalhekk Dr A Vella ghas-socjeta’ konvenuta talab li tmur ghas-sentenza.
Fis-seduta tat-28 ta’ Marzu 2011 sema’ ix-xhieda ta’ James Scriha Financial Controller tas-socjeta attrici li kkonferma bil-gurament illi l-ammont huwa dovut.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma elf erba’ mija u disgha u erbghin Euro u disgha u tmenin centezmi (€1449.89) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut. Id-drittijiet tal-kuratur jithallsu provisorjament mis-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------